# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Erbgħa (4) ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru 278/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**Vs**

**Gozo Caterers Limited (C4338)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors tal-Bank rikorrent datat 14 ta' Marzu 2019, li permezz tiegħu talab is-segwenti:

   1. *Illi in forza ta' kuntratt tal-21 ta' Novembru 1995 fl-atti tan-Nutar Dottor Eugene Montanaro, il-kumpannija konvenuta Gozo Caterers Limited ingħatat faċilitajiet bankarji konsistenti f'self fis-somma ta' tletin elf lira Maltija (Lm30,000) ekwivalenti għal disgħa u sittin elf, tmien mija u wieħed u tmenin ewro u għoxrin ċenteżmu (€69,881.20) mingħand il-bank Lohombus Bank Limited li eventwalment ġie amalgamat mal-Bank attur ġja Mid-Med Bank p.l.c. sabiex tixtri proprjetà (Dok. A);*

   2. *Illi kif jirriżulta mis-'Sanction Letter' datata l-4 ta' Novembru 1995, din il- facilita' bankarja kellha titħallas lura fi żmien għoxrin sena mid-data ta' meta 1-kumpannija konvenuta tkun utilizzat il-flus u ċioe minn dakinhar tal-kuntratt suċitat (Dok B);*

   3. *Illi l-kumpanija konvenuta naqset milli tagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma mal-bank skont l-imsemmija kuntratt u 'Sanction Letter', tant li l-aħħar pagament sar fis-sena elfejn u disgħa (2009) kif jirriżulta mill-istatement anness bħala Dok C u ġialadarba għaddew għoxrin sena mid-data tal-kuntratt, il-bilanċ li fadal jitħallas mis-self illum huwa kollu dovut;*

4. *Illi fuq dan is-self il-kumpanija konvenuta hija għalhekk debitriċi tal-Bank attur fis-somma ta' erbgħa u tmenin elf, erba' mija u tnejn u tmenin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€84,482.25), dovuta in kwantu għal sebgħa u erbgħin elf, seba' mija u ħamsa u sittin ewro u tmien ċenteżmi (€47,765.08) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilha, u r-rimanenti sitta u tletin elf, seba' mija u sbatax-il ewro u sbatax-il ċenteżmu (€36,717.17) bħala imgħax ikkalkulat sad-29 ta' Jannar 2019 (Dok. C), oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-30 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv;*

5. *Illi l-kumpanija konvenuta, għalkemm interpellata diversi drabi biex tħallas l-ammonti fuq indikati, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 19 ta' Frar 2018 (Dok. D) baqgħet inadempjenti;*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara li l-kumpanija konvenuta Gozo Caterers Limited hija debitriċi fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' erbgħa u tmenin elf, erba' mija u tnejn u tmenin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€84,482.25) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-30 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(ii) Tikkundanna lill-istess kumpannija konvenuta tħallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta' erbgħa u tmenin elf, erba' mija u tnejn u tmenin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€84,482.25), bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil- mija (8%) fis-sena fuq 1-imsemmija somma mit-30 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 19 ta' Frar 2018 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-kumpannija konvenuta li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni*

2. Rat illi fit-22 ta' Mejju 2019 Gozo Caterers Limited irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

   1. *Illi t-talba attriċi hija affettwata bir-res judicata stante li l-istess attriċi għamlet kawża (882/11JPG) kontra l-istess intimata (l-istess partijiet) għall-istess allegat debitu, liema talbiet attriċi ma ntlaqgħux.*

   2. *Illi l-azzjoni attriċi hija intempestiva u għalhekk nulla.*

   3. *Illi bla preġudizzju għal dawn, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-bank attur stante li huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li l-Bank attur qed jippretendi ammont esaġeratissimu ta' imgħax u għandu jkun verifikat jekk jiksirx ir-regola tal-"Ultra duplum," għandu jkun verifikat jekk il-komputazzjonijiet magħmulin mill-Bank attur mhumiex korretti; il-komputazzjonijiet magħmulin mill-Bank huma sempliċiment "ex parte" u għalhekk m'għandhomx jorbtu lill-eċċipjenta.*

   4. *Illi bla preġudizzju għal dak kollu fuq imsemmi, inoltri l-Bank attur aġixxa b'mod diskriminatorju mal-Kumpannija konvenuta u dana għaliex lil ħaddiehor ħafirlu u/jew ried jaħfirlu u/jew ġew 'written off ammonti dovuti, tant illi l-istess Bank kellu "bad debts" in rigward ta' terzi.*

   5. *Illi bla preġudizzju għal dak kollu fuq imsemmi, l-Bank attur iccargja "administrative fees" u/jew simili mhux gusti.*

   6. *Illi bla preġudizzju għal dak kollu fuq imsemmi, l-Bank attur għandu f'idejh ipoteki li huma valur multiplu anki saħansitra tal-ammont minnu allegat dovut (u dan bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra kollha fuq imsemmijin inkluż dak kollu respint minn naħa tal-Kumpannija konvenuta ta' dak kollu pretiż mill-Bank attur). Dawn l-ipoteki għandhom jiġu ridotti skont il-liġi.*

7. *Illi bla preġudizzju għal dak kollu fuq imsemmi, l-Kumpannija konvenuta ma taqbilx mal-komportament tal-Bank attur, u li għalhekk tirriserva kull dritt t'azzjoni lilha spettanti skont il-liġi kif ukoll d-drittijiet kollha tagħha skont il-liġi.*

8. *Salvi eċċezzjonijiet oħra skond il-liġi u skond iċ-ċirkostanzi.*

**Provi:**

3. Rat illi fl-20 ta' Novembru 2019, din il-Qorti ċaħdet it-talba li l-eċċezzjoni *res judicata* tkun ittrattata *in limine litis* u tkun deċiża b'ġudizzju separat. Il-Qorti ordnat li jinġabru l-provi kollha fuq il-mertu kollu u l-eċċezzjonijiet kollha.

4. Rat l-affidavit ta' **Dr. Ralph Agius Ferrante**, rappreżentant tal-Bank attur, ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2019 (fol 54) u d-dokumentazzjoni minnu ppreżentati.

5. Rat li fid-29 ta' Jannar 2020 il-Qorti laqgħet it-talba għall-allegazzjoni tal-atti tal-proċeduri Rik Numru 882/11 fl-ismijiet HSBC Bank Maltta plc vs Gozo Caterers Limited, li ġew sussegwentement annessi, li jirrigwardaw talba tal-Bank rikorrenti għall-awtorizazzjoni ta' eżekuzzjoni a tenur tal-Artikolu 258 (c) tal- Kap 12, li ġiet miċħuda permezz ta' deċiżjoni datata 5 ta' Diċembru 2014.

6. Rat l-affidavit ta' **Alexia Caruana**, Recoveries Agent tas-soċjeta' rikorrenti, u dokumenti annessi, impjegata bħala recoveries Agent mal-Bank HSBC Malta plc. ippreżentat fit-12 ta' Frar 2020 (fol 97).

7. Rat illi fit-12 ta' Frar 2020, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

8. Semgħet ix-xhieda ta' Alexia Caruana in kontro eżami, mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2020 (fol 113) u dokumentazzjoni minnha prodotta.

9. Semgħet ix-xhieda ta' Dr. Ralph Agius Fernandes in kontro eżami mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2020 (fol 140).

10. Semgħet ix-xhieda ta' **Edward Mizzi**, Recoveries Manager mas-soċjeta' rikorrenti, prodott mis-soċjeta' intimata u mogħtija fit-18 ta' Mejju 2021 (fol 163) u dokumentazzjoni minnu prodotta.

11. Rat l-affidavit tan-**Nutar Dottor Emmanuel George Cefai** ippreżentat fl-14 ta' Lulju 2021 (fol 186).

12. Rat ukoll id-dokumentazzjoni ppreżentata permezz tal-istess nota fl-14 ta' Lulju 2021, u l-komputazzjoni ta' ħlasijiet magħmula minn Gozo Caterers Limited (fol 188) u prospett dwar l-*Ultra duplum* (fol 190).

13. Rat illi fl-14 ta' Lulju 2021, il-Qorti ddikajrat l-provi intimati magħluqa, salv kontro eżamijiet.

14. Semgħet ix-xhieda, permezz ta' *video conferencing* tan-Nutar Emanuel George Cefai datata 16 ta' Diċembru 2021 (fol 192).

15. Rat li fis-16 ta' Diċembru 2021, il-kaz tħalla għas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet.

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank attur fl-1 ta' Marzu 2022 (fol 197).

17. Rat illi fit-2 ta' Ġunju 2022, il-kawża ġiet differita għas-sentenza bid-dritt lis-soċjeta' intimata li tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha sa l-aħħar ta' Lulju 2022.

18. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Gozo Caterers Limited ippreżentata fl-1 ta' Awissu 2022 (fol 215).

**Fatti tal-każ**

19. Jirriżulta li permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Novembru 1995 (fol 6), is-soċjeta' Gozo Caterers Limited ingħatat facilita` bankarja konsistenti f'self ta' LM30,000 mingħand il-Lohombus Bank. Din is-somma ta' LM30,000 tiġi ekwivalenti għal €69,881.20.

20. Jirriżulta li skont l-istatement eżebit mill-Bank mar-rikors promotur, l-aħħar ħlas li sar mis-soċjeta' Gozo Caterers Limited kien fil-5 ta' Ottubru 2009, li kien pagament ta' Lm100 (fol 24 sa 30). Dan ma jinsabx kontradett mis-soċjeta' intimata.

21. Jirriżulta li l-Bank HSBC Bank Malta plc qed jipproċedi f'dan il-każ għall-ammont ta' erba' u tmenin elf, erba' mija tnejn u tmenin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€84,482.25) u liema somma hija magħmula minn sebgħa u erbgħin elf, seba' mija ħamsa u sittin Ewro u tmien ċenteżmi (€47,765.08), bilanċċ mill-kapital misluf u sitta u tletin elf, seba' mija u sbatax il-ewro u sbatax il-ċenteżmu (€36,717.17), imgħax ikkalkulat sad-29 ta' Jannar 2019 kif jidher fl-istatement eżebit mar-rikors, dan oltre` l-imgħax legali ulterjuri mit-30 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

22. Jirriżulta mis-*'Sanction Letter'* datata 4 ta' Novembru 1995, eżebita a fol 20, li dan is-self kellu jitħallas fi żmien għoxrin sena mid-data li s-soċjeta' Gozo Caterers Limited utilizzat il-flus.

23. Jirriżulta li ntbagħtet ittra uffiċjali datata 19 ta' Frar 2018 (fol 31) fejn is-soċjeta' Gozo Caterers Limited ġiet interpellata tħallas l-ammont dovut, iżda s-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari – res judicata**

24. L-ewwel eċċezzjoni, li hija eċċezzjoni ta' natura legali, sollevata mis-soċjeta' intimata, hija li din il-kawża hija effetwata bil-ġudikat ta' sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs Gozo Caterers Limited** (882/11) JPG deċiża mil-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru 2014.

25. Il-Qorti tosserva illi l-"*exceptio rei judicatae*" għandu bħala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, ukoll għaliex, kif osservaw il-Qrati nostrani, "*interest rei publicae ut sit finis litiu*" (**Francesco Aquilina vs Neg**. **Giuseppe Gasan et**", Appell Kummerċ, deċiż fil-5 ta' Novembu 1994). Sentenza li għaddiet in ġudikat, jiġifieri ma' tistax tappella iżjed, hija miżmuma tajba u sewwa u tal-ħaqq – *res judicata pro veritate habetur* – jiġifieri l-fundament tal-actio u tal-*exceptio rei judicatae* hija preskrizzjoni

legali u għalhekk hija ta' *strictissimae interpretationis*. (**Johanna Ganado vs Edward DeGaetano**, Qorti Ċivili Prim' Awla deċiża fl-10 ta' Novembru 2015.

26. Kif intqal fil-każ **Caterina Gerada vs Avukat Dottor Antonio Caruana** deċiż fis-7 ta' Marzu 1958, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni stretta:

> "*l'eccezione di rei giudicata si deve ammettere con molta circospezione, tanto piu quando trattasi di escludere un diritto*."

27. It-tifsira ta' *res judicata* ġiet definita mill-Qorti ta' l-Appell Kummerċjali fil-każ **Dr Jose Herrera noe vs Anthony Cassar et noe**, deċiż fil-5 ta' Ottubru 1992 fejn ingħad:

> "*sentenza li għaddiet 'in giudicato' jiġifieri li ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma bħala tajba u sewwa u tal-ħaqq - res judicata pro veritate habetur……………minn naħa l-oħra fejn kwistjoni tkun ġiet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi ikkonfermata, jew jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fi żmien li trid il-liġi ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka s-sentenza*". (ara wkoll **Charles Cortis vs Francis X Aquilina et** deċiża mil-Prim' Awla fil-25 ta' Settembru 2003.

28. Huwa unikament importanti li dawn il-prinċipji legali involuti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza nostrana, iżda fuq kollox unikament mal-fatti partikolari tal-każ in kwistjoni, u kif ukoll tal-portata tas-sentenza preċedenti. Fil-fatt sabiex *res gudikata* tiġi eċċepita b'suċċess jeħtieġ li ċ-ċirkostanzi relevanti tal-każ jibqgħu l-istess bħal dawk tal-każ ta' qabel. (Ara **Angelo Bartolo vs Concetta Lautier**, Appell deċiż fid-29 ta' April 1966.

29. Sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tar-res ġudikata, jeħtieġ li jkun hemm il-konkorrenza tat-tlett elementi u ċioe, ***Eadem personae*** – il-ġudizzju jkun bejn l-istess partijiet; ***Eadem res*** – l-identita ta' l-oġġett tal-ġudizzju u ***Eadem causa petendi*** – il-fatt ġuridiku li minnu jitwieled id-dritt reklamat. (**Joseph Camilleri vs Lilian Mallia**, Qorti ta' l-Appell 5 ta' Ottubru, 1998; **Doris Attard vs Giulian Borg et**, Qorti ta' l-Appell 28 ta' Ġunju 2001; **Edmea Pace vs Edward Pavia** Prim' Awla Qorti Ċivili 3 ta' Lulju 2003; **Carmelo Zammit et vs Bartolomeo Xuereb** Prim' Awla Qorti Ċivili 19 ta' Jannar 2011.

30. Għalhekk jeħtieġ li jirriżulta li fiż-żewġ kawżi, jkun hemm l-istess partijiet, l-istess oġġett, u l-istess natura tal-kawżali.

31. Ma għandu jkun hemm ebda kontestazzjoni illi l-kawża odjerna u dik indikata mis-soċjeta' intimata għandhom l-istess partijiet, u għalhekk l-element ta' *eadem personae* huwa stabbilit.

32. Dwar l-*eadem res*, fil-każ **Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs M of Time Ltd** deċiża mil-Prim' Awla fil-17 ta' Frar 2000, ġie ritenut:

> "*Illi mill-interpretazzjoni li jagħtu d-diversi awturi ta' kif għandha tiġi determinata l-identita ta' l-oġġett jidher illi l-aħjar mod hu li teżamina jekk il-kwistjoni imqajma fit-tieni talba ġietx jew le deċiża minn sentenza li tkun għaddiet in ġudikat. Illi għalhekk, wieħed irid jara jekk il-punt imqajjem fit-*

> *tieni talba ġiex determinat mis-sentenza l-oħra jew jekk baqax irriżolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun ġiet diskussa u deċiża, allura ikun hemm l-identita ta' l-oġġett."*

33. Dwar l-*eadem causa pedenti*, mill-banda l-oħra, huwa relevanti dak li ntqal fil-kawża diġa suċitata **Edmea Pace vs Edward Pavia** Prim' Awla deċiża 3 ta' Lulju 2003, fejn ġie osservat:

> "*… il-ġudikat hu valevoli biex jiddefinixxi d-domanda sussegwenti li, għalkemm mhux identika għal dik definita bil-ġudikat, tkun fondata fuq l-istess "ratio petendi"; u hemm lok għal eċċezzjoni tal-ġudikat anki meta l-mertu tal-kawża għalkemm distint mill-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess: u għalkemm biex jista' jiġi invokat il-ġudikat hemm bżonn l-identita' ta' l-oġġett, din l-identita' ma hemmx bżonn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita' fuq il-punt kontrovers, jew ta' l-oġġett aktar ampju dedott fl-ewwel ċitazzjoni.*"

34. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami jiġi osservat fl-ewwel lok, l-element ta' l-*eadem persona* jissussisti peress li l-partijiet huma l-istess kemm f'dan il-każ u kemm fil-każ 882/11. Għalhekk jonqos li jiġi determinat minn din il-Qorti jekk l-imsemmija sentenza li għaddiet in ġudikat kinitx titratta propju l-istess oġġett u l-istess kawżali ta' din il-kawża.

35. Rigward l-*eadem causa petendi*, dak li jrid jiġi eżaminat huwa jekk il-kawża ġdida u t-talba ġdida humiex fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti. Il-Qorti tirrileva illi għalkemm, kif sottomess mis-soċjeta' intimata fis-sottomissjonijiet, il-partijiet u l-iskop tal-kawżali fiż-żewġ kawżi huma l-istess, u ċioe`, li l-iskop prinċipali huwa li l-Bank jieħu l-flus li għandu jieħu, dan ma jfissirx li ż-żewġ kawżi huma fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti.

36. Jirriżulta, in fatti, li fil-każ in eżami il-Bank rikorrent qed jipproċedi sabiex jottjeni dikjarazzjoni li s-soċjeta' intimata hija debitriċi tal-Bank fl-ammont ta' €84,482.25 oltre` l-imgħax. Mill-banda l-oħra, fil-każ 882/11 il-Bank rikorrent kien ipproċeda sabiex il-Bank iġedded titolu eżekuttiv naxxenti minn kuntratt a tenur tal-artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ċertament huwa distint minn dak li qed jintalab f'dan il-każ.

37. In vista tas-suespost, m'hemm l-ebda dubju li ż-żewġ kawżi, ossija dik odjerna u dik preċedenti m'għandhomx bħalha bażi l-istess oġġett, l-istess kawżali u l-istess fatt ġuridiku tat-talba preċedenti. Għalhekk, it-tlett elementi meħtieġa għas-suċċess tad-difiża tar-res ġudikata ma jissussistux.

38. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' intimata dwar il-ġudikat. Konsegwentement, din il-Qorti ser tipproċedi biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent f'dan il-każ.

## It-tieni eċċezzjoni preliminari

39. Ġie eċċepit fit-tieni lok, li l-kawża hija intempestiva, għalhekk, nulla.

40. Fis-sottomissjonijiet tas-soċjeta' intimata, ġew elenkati erba' rekwiżiti sabiex tkun tista' tirnexxi intempestivita` ta' azzjoni. Dawna huma s-segwenti: (i) jekk kinux saru xi ħlasijiet diġa (ii) jekk ikun hemm xi relazzjoni speċjali mal-bank (iii) jekk il-liabilites li ikun baqa' jkunux qed jiżdiedu b'mod preġudizzjevoli definittiv u irrimedjabbli, (iv) jekk effettivament kinux għaddejjin taħdidiet bejn iż-żewġ naħat.

41. Is-soċjeta' intimata stess tirrileva fis-sottomissjonijiet, li huwa ferm diffiċli li dawn ir-rekwiżiti jkunu sodisfatti kollha. Iżda, kemm il-darba sodisfatti, m'hemmx dubju li għandha tintlaqa' l-intempestivita` tal-azzjoni.

42. Il-Qorti tosserva li, mill-assjem tal-provi, jirriżulta li pagamenti kienu ilhom ma jsiru mis-sena 2009, ma kienet teżisti ebda relazzjoni specjali mal-Bank, id-dejn kien baqa' jikber għax qatt ma sar ħlas, u ebda taħdidiet effettivi ma kienu qed isiru.

43. Il-fatt, li x-xhud Edward Mizzi ikkonferma li, f'xi stadju, kien hemm taħdidiet verbali bejn il-partijiet sabiex jippruvaw jaslu għal ftehim, evidentement ma jfissirx li ntlaħaq ftehim. Il-Qorti tagħmilha ċara li hija rrelevanti l-kwistjoni għaliex ma ntlaħaqx ftehim jew le, liema kwistjoni tidher li kienet proprju l-*ultra duplum*. Il-fatt jibqa' li l-ftehim ma ntlaħaqx. Fil-fatt, jirriżulta li l-ebda ftehim ma avvera ruħu bejn il-partijiet.

44. Għalhekk, in vista tas-suespost, tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' intimata.

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

45. Permezz tal-każ odjern, il-Bank rikorrent qed jitlob li s-soċjeta' intimata tiġi dikjarata debitriċi tal-Bank fl-ammont ta' €84,482.25 oltre` l-imgħax u sabiex konsegwentement, is-soċjeta' intimata tiġi ikkudanata tħallas dan l-ammont bl-imgħax bit-30 ta' Jannar 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

46. Minn naħa l-oħra, l-intimati eċċepew fil-mertu, li jridu jiġu mistħarrġa l-kalkoli kif maħduma mill-Bank peress li allegatament jinkludu interessi esaġerati ta' *ultra duplum* b'hekk ġie sostnut li, t-talba tar-rikorrent kif dedotta hija eċċessiva. Inoltre`, ġie eċċepit ukoll, li l-Bank mexa b'mod diskriminatorju billi ħafer ammonti lil persuni oħra, billi tħassru bħala "bad debts". Ġie sostnut ukoll fl-eċċezzjonijiet, li l-Bank inkluda administration fees li mhumiex ġusti, u li l-ipoteki li għandu f'idejh il-Bank għandhom jiġu ridotti skont il-liġi.

47. Mill-provi prodotti, jirriżulta li l-Bank eżebixxa kopja tal-kuntratt ta' self u bejgħ fl-atti tan-Nutar Eugene Montanaro datat 21 ta' Novembru 1995 – ossija ta' sebgħa u għoxrin sena ilu! fejn is-soċjeta' Gozo Caterers Limited kienet ingħatat facilita` bankarja konsistenti f'self fis-somma ta' LM30,000 ekwivalenti għal disa' u sittin elf, tmien mija u wieħed u tmenin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€69,881.20) mingħand il-Bank Lohombus Bank Limited, sabiex tixtri proprjeta`. Ġiet eżebita wkoll kopja tas-*'Sanction Letter'* datata 4 ta' Novembru 1995 eżebita bħala dok B. Mar-rikors promotur, il-Bank eżebixxa wkoll statement li juri l-ammont li għadu dovut mis-soċjeta' intimata fuq il-kont numru 51022456, eżebit bħala Dok C.

*48.* Minn eżami tas-*'Sanction Letter'*, jirriżulta li l-faċilita` bankarja mogħtija lil Gozo Caterers Limited kellha titħallas lura fi żmien għoxrin sena mid-data ta' meta s-soċjeta'

intimata tkun użat il-flus, ċioe`, mid-data tas-*'Sanction Letter'* ossija 4 ta' Novembru 1995.

49. Jirriżulta li s-soċjeta' intimata ma baqgħetx tħallas il-pagamenti, kuntrarjament għal dak li kien ġie stipulat fis-*'Sanction Letter'*. Fil-fatt, fl-istatement eżebita mar-rikors promotur jidher li l-aħħar pagament li sar mis-soċjeta' Gozo Caterers Limited kien fis-sena 2009.

50. Jirriżulta li s-*'Sanction Letter'* kienet tipprovdi dwar il-pagamenti li kellhom isiru:

> *"Repayment*
>
> *At the rate of LM270 monthly inclusive of interest over approximately 20 years commencing on the third day of the month following that in which the loan is drawn."*

51. Fl-istess *'Sanction Letter'* ġie provdut hekk dwar l-imgħax:

> *"Interest*
>
> *Interest will be at the maximum rate allowed by law, presently at 9% per annum.*
>
> *At the present time, it is the practice to pass interest entries twice yearly."*

52. Din il-Qorti tqis li l-provi prodotti da parti tal-bank juru li l-ftehim kif pattwit bejn il-partijiet juri l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-ftehim, li kellhom jiġu onorati mis-soċjeta' intimata rigward il-ħlasijiet. Jidher evidentement, li dawn il-ħlasijiet waqfu isiru fis-sena 2009. Jidher ukoll, li skont il-ftehim kif pattwit, il-bank seta' jipproċedi u jitlob l-interessi, kif pretiż f'dan il-każ.

53. Hija regola ġenerali li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat* (**Joseph Zammit vs Joseph Hili** Vol XXXVII-I-578; **Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited**, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-13 ta' Jannar 1999).

54. Fil-fatt, l-**Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li:

> *"Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-Liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."*

55. Dwar dak eċċepit mis-soċjeta' intimata, li l-Bank mexa b'mod diskriminatorju, għaliex allegatament lil ħaddieħor ħafirlu d-dejn bħala '*written off*' jew '*bad debts*', il-Qorti tosserva illi dina hija difiża bla bażi, kemm legalment kif ukoll fattwalment. Fl-ewwel lok, is-soċjeta' intimata ma ppruvatx bl-ebda mod dak minnha allegat dwar djun maħfura fil-konfront ta' oħrajn s-sempliċi aċċenn għal Pirella Supermarkets fis-sottomissjonijiet tas-soċjeta' intimata, ċertament ma tikkostitwix ebda prova. Apparti minn hekk, jekk il-bank jgħażilx li ħafer dejn lil terza persuna jew le hija deċiżjoni purament tas-soċjeta' rikorrenti w s-soċjeta' intimata ma tistax tipprova taħrab mill-obbligu tagħha li tħallas dak minnha dovut billi taqbad ma' tali argument pwerilu u legalment illoġiku.

56. Għaldaqstant, tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata stante li mhijiex bl-ebda mod ippruvata.

57. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tirrileva li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tas-soċjeta' intimata, il-Bank irnexxielu jipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li l-faċilita` bankarja u s-self mogħti lis-soċjeta' intimata ma ġiex imħallas.

58. Hawnhekk, ta' min jgħid ukoll, li dak li qed jiġi eċċepit dwar l-ammont eċċessiv mitlub u imgħaxijiet għolja, m'għandux mis-sewwa għaliex jirriżulta mill-provi dokumentarji eżebiti, li l-ftehim u s-*'Sanction Letter'* qed jirregolaw l-ammont mitlub f'dan il-każ u dak mitlub huwa in linea ma' dak li ftehmet dwaru s-soċjeta' intimata sebgħa u għoxrin sena ilu, meta ħadet il-flus biex takkwista propjeta!

59. F'dan il-kuntest, japplikaw il-prinċipji legali marbuta mal-prinċipju *pacta sunt servanda*. Kif affermat fl-Artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-ftehim huwa liġi bejn il-partijiet.

60. Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kuntrattwali għandu jiġi rispettat u li hija l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-Konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. (**Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et** deċiża 30 ta' Mejju 2002; **Stephen Vella vs Adriana Vella noe** deċiża fit-28 ta' Novembru 2002).

61. Għalhekk, meta applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jirriżulta li dak mitlub mill-Bank huwa dovut, kif ippruvat, u huwa konformi mal-kuntratti iffirmati bejn il-kontraenti, kif ippruvat.

**Imgħaxijiet**

62. Din il-Qorti ser issa tikkunsidra wkoll il-kwistjoni tal-imgħaxijiet kif tirriżulta mid-dokumenti u mill-provi eżebiti.

63. Il-Bank fis-sottomissjonijiet tiegħu, għamel referenza għas-*'Sanction Letter'*, u dak stipulat rigward ir-rata tal-imgħax hemm maqbula u jisħaq li l-istatement, kif ikkonfermat, juri li l-kalkolu tal-imgħax ġie maħdum b'imgħax sempliċi, filwaqt illi huwa biss l-imgħax ulterjuri mitlub f'din il-kawża (mill-preżentata ta' dan il-każ sal-ħlas tal-ammont pretiż) li jiġi ikkalkulat l-imgħax kompost skont l-artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili.

64. Relevanti li ssir referenza għall-**Artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili**, li jipprovdi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita.*
>
> *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak inhar li ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni."*

65. Dan jinsab rassodat fil-ġurisprudenza fil-**każ Mallia vs Bezzina Wettinger** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru 2003, ingħad:

*"L-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita……mill-fuq espost jidher li l-ewwel Qorti kienet żbaljata inkwantu l-imgħax jew kellu jiġi akkordat mid-data meta l-ammont kellu jiġi imħallas lura, u dana f'każ li l-obbligazzjoni kienet waħda kummerċjali, jew jekk l-obbligazzjoni ma kinitx ta' natura kummerċjali, dan l-imgħax għall-anqas kellu jiġi komputat mid-data tal-preżentata tal-att ġudizzjarju stante li l-ammont reklamat bħala kapital kien wieħed determinat, u dana kif ġie diversament ritenut u deċiż minn din il-Qorti."*

66. Fil-fatt, jista' jingħad, li jekk l-obbligazzjoni tkun ta' natura kummerċjali, l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu ipso jure, mingħajr ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju, u b'effett minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha titwettaq, dan dejjem abbażi tal-artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili. (Ara wkoll **John Muscat vs Maggur Louis Radmilli et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2002).

67. Jidher mill-istatement, li l-ammont tas-self huwa maħdum b'imgħax sempliċi, u huwa biss fuq l-imgħax ulterjuri, li huwa maħdum bl-imgħax kompost.

68. Referibbilment għall-*ultra duplum*, ġie sottomess mill-Bank attur, li l-liġi Maltija imkien ma timponi divjet fuq il-fatt li l-interessi jeċċedu l-kapital. Iżda, anke jekk dan il-prinċipju ta' *ultra duplum* xi drabi ġie rikonoxxut fil-ġurisprudenza, ma kienx meqjus li japplika f'kuntest ta' dejn kummerċjali u transazzjonijiet bankarji.

69. Il-bank fis-sottomissjonijiet, semma' wkoll li skont l-Artikolu 5(b) tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta), kwalunkwe transazzjoni bankarja hija '*an objective act of trade*', b'hekk hawnhekk ma jitrattax dejn ċivili. Inoltre`, ġie sottomess ukoll, li anke jekk il-Qorti kellha jidhrilha li dan mhuwiex strettament dejn kummerċjali, il-prinċipju li l-imgħax m'għandux jisboq il-kapital, xorta ma tapplikax fejn tikkonċerna dejn dovut ill-Bank. F'dan il-kuntest, il-Bank irrefera għall-każ, **Bank of Valletta plc vs Heritage Estates Limited et** deċiża mill-Prim' Awla fit-30 ta' Mejju 2016, fejn ingħad, li r-regola li tipprojbixxi l-*ultra duplum*, tippermetti eċċezzjonijiet bħal f'każ ta' użu kummerċjali.

70. Minn naħa l-oħra, is-soċjeta' intimata sostniet fis-sottomissjonijiet, li d-dottrina tal-*ultra duplum* hija ċara, ossija li l-imgħaxijiet ma jistgħux jeċċedu l-kapital, ħlief f'każ ta' overdraft u f'każ ta' imgħaxijiet li jkunu għaddew fuq ammont kanonizzat.

71. Kompla jingħad fis-sottomissjonijiet tas-soċjeta' intimata, li s-self ta' Gozo Caterers Limited huwa mutwu sempliċi, u mhux minnu li s-self kien kummerċjali, anke għaliex is-self ingħata minn Lohombus Corporation Limited li kienet għal snin sħaħ tagħti self ċivili għal xiri ta' djar. Is-soċjeta' intimata irreferiet għall-każ ikkwotat mill-bank fis-sottomissjonijiet tiegħu, Bank of Valletta plc vs Heritage Estates Limited et, u sostniet li dak il-każ kien jikkonċerna overdraft, li mhuwiex l-istess bħall-każ in eżami. B'hekk, is-soċjeta' intimata kkonkludiet, li l-*ultra duplum* ma kienx japplika għal overdraft, iżda japplika għal kull każ ieħor ta' self bħal ma huwa l-każ in eżami.

72. Il-Qorti, hawnhekk, tqis illi opportun ill ssir referenza għas-'*Sanction Letter'* biex jiġi stabbilit jekk is-self huwiex dejn kummerċjali jew le, u tali *'Sanction Letter'*, taħt is-subtitolu PURPOSE tgħid hekk:

*"To end finance purchase of company office."*

73. Il-Qorti ma għandha ebda dubju illi s-self ma kienx wieħed personali, kif tikkontendi s-soċjeta' intimata, iżda kien purament wieħed kummerċjali, u għalhekk, l-argument persistenti tas-soċjeta' intimata fis-sottomissjonijiet dwar dan il-punt, ma jreġġix.

74. Lanqas ma huwa veritjer u korrett dak sottomess mis-soċjeta' intimata li l-komputazzjonijiet tal-Bank dwar l-imgħax huma esaġerati u li jiksru r-regoli ta' *ultra duplum* u dana għar-raġunijiet ġia aktar 'il fuq espressi.

75. Għalhekk, konsegwentement, tiċħad it-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata.

**Il-ħames eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata dwar 'administration fees'**

76. Is-soċjeta' intimata sostniet li l-Bank impona '*administration fees*' li mhumiex ġusti.

77. Jiġi puntwalizzat fl-ewwel lok, li meta si tratta ta' '*administration fees*' dawn mhumiex multi, iżda huma '*charges*' imposti skont il-prassi bankarja u skont it-termini u kondizzjonijiet tal-Bank stess, u li huma parti mill-obbligi li jiġu assunti minn kull min jitlob li jingħata flus biex jagħmel profitt bihom u jingħata tali flejjes – bħalma għamlet is-soċjeta' intimata.

78. Hawnhekk, ta' min isemmi, li ma ġiet prodotta l-ebda prova da parti tas-soċjeta' intimata li turi li l-'*administration fees*' huma żbaljati u li mhux impost skont il-prassi tal-Bank. Kien jinkombi fuq is-soċjeta' intimata li tipprova dan.

79. Fid-dawl ta' dan tiċħad din il-ħames eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata.

**Is-sitt eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata**

80. Jirriżulta li s-soċjeta' intimata eċċepiet li l-Bank għandu f'idejh ipoteki ta' valur multiplu, anke tal-ammont dovut, liema ipoteki għandhom jiġu ridotti skont il-liġi.

81. Il-Qorti tibda billi tosserva illi s-soċjeta' intimata, ċertament sabiex tiffranka spejjeż legali, ma intavolat ebda kontro talba – għalhekk kwalsiasi talba għal riduzzjoni ta' xi ipoteki ma tista' qatt tiġi kkunsidrata.

82. Apparti minn hekk, la darba ġie ppruvat li għal self mogħti lis-soċjeta' intimata sebgħa u għoxrin sena ilu, l-aħħar pagament li sar da parti tas-soċjeta' intimata kien tlettax-il sena ilu, ossija fis-sena 2009, ma jista' jeżisti ċertament ebda raġuni għaliex il-bank rikorrent għandu jiġi lilha ridott xi ipoteka li għandha. Għaldaqstant, m'hemmx lok għal riduzzjoni ta' ipoteki.

83. Konsegwentement, tiċħad is-sitt eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ppreżentati quddiemha;

Wara li rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' intimata.

**Tilqa'** t-talbiet tal-Bank HSBC Bank Malta p.l.c. u tiddikjara li s-soċjeta' Gozo Caterers Limited hija debitriċi fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' erbgħa u tmenin elf, erba' mija u tnejn u tmenin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€84,482.25), dovuta kif fuq spjegat, oltre` l-imgħax legali ulterjuri mit-30 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-Artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Tilqa'** t-tieni talba u tikkundana lis-soċjeta' Gozo Caterers Limited tħallas lill-Bank attur is-somma ta' **erbgħa u tmenin elf, erba' mija u tnejn u tmenin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu €84,482.25**, bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mit-30 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-ispejjeż** kif mitluba ikunu a kariku tas-soċjeta' intimata.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur